# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

**Appell Numru: 95/2017**

Seduta tal-25 ta' Settembru, 2019

**Il-Pulizija**

**vs**

**Andrew Bezzina**

Iben Carmelo, imwieled Pieta' fis-27 ta' Novembru, 1982, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 647582(M)

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Andrew Bezzina quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) akkuzat talli nhar il-31 ta' Awwissu 2012 ghall-habta tas-sitta neqsin kwart ta' wara nofsinhar (5.45 p.m.) u granet qabel gewwa l-Facilita` Korrettiva ta' Kordin, Rahal Gdid:

1. Kellu fil-pussess tieghu d-droga erojina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi bhala persuna li mhux impjegata fil-habs, il-Facilita` Korrettiva ta' Kordin, minghajr l-awtorita` legittima, dahhal jew ipprova jdahhal f'xi parti tal-konfini tal-habs, xi oggett li jkun, li hu pprojbit skond xi regolamenti maghmula skond il-Kap. 260, Artikolu 7(2), liema oggett jikkonsisti f'medicina li tkun medicina perikoluza skond l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi jew garr jew ipprova jgorr xi oggett bhal dak barra mill-habs;

3. Akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, wettaq reat waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza moghtija lilu mill-Magistrat E. Grima LL.D. nhar l-1 ta' Novembru 2011;

4. Akkuzat ukoll talli fl-istess zmien u cirkostanzi, wettaq reat waqt il-perjodu operattiv ta' liberta` kkundizzjonata taht osservanza tal-*probation* moghtija mill-Qorti mill-Magistrat Dr. A. Micallef Trigona LL.D. ai termini tal-Kap. 446, Art. 7 datata 31 ta' Jannar 2012;

5. Akkuzat ukoll talli fl-istess zmien u cirkostanzi wettaq reat waqt il-perjodu operattiv ta' liberta` kundizzjonata moghtija mill-Qorti mill-Magistrat Dr. A. Mizzi LL.D. ai termini tal-Kap. 446, Art. 22, datata 15 ta' Mejju 2012;

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' sejbien ta' htija, tapplika l-provvedimenti tal-Artikolu 33A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

6. Akkuzat ukoll talli rrenda ruhu recidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li kien gie misjub hati b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna li jithallsu l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, skond l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-17 ta' Frar, 2017 fejn il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(ii) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, l-Artikoli 17(b), 31, 33A u 49 tal-Kap. 9 u l-Artikolu 23 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, fil-waqt illi ma' sabitx lill-imputat hati tat-tieni u tar-raba' imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, kif ukoll tal-addebitu tar-recidiva ai termini tal-Artikolu 50 u lliberatu minnhom, sabitu hati tal-ewwel u l-hames imputazzjonijiet u tal-addebitu tar-recidiva ai termini tal-Artikolu 49 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u kkundannatu fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni ghall-piena ta' tliet (3) xhur prigunerija effettiva.

Fir-rigward tal-hames imputazzjoni, wara li rat l-Artikolu 23 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, trattat mal-hati dwar l-imputazzjoni u l-addebitu tar-recidiva li taghhom kien instab hati permezz tas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, kif preseduta mill-Magistrat Dr. Antonio Mizzi tal-15 ta' Mejju 2012 u li dwarhom kien inghata liberazzjoni kundizzjonata (ossia l-ewwel imputazzjoni f'dak il-kaz flimkien mal-addebitu tar-recidiva), daqs

li kieku ghadu kemm gie dikjarat hati minn jew quddiem din il-Qorti dwar l-istess u filwaqt li ghal kull buon fini tikkonferma tali htija, wara li rat l-Artikoli 20, 31, 49 u 50, 261(b), (c), (f) u (g), 263, 267, 270, 271(g), 278(3) u 280(2) tal-Kap. 9, ikkundannat lill-hati ghall-piena ta' erbatax-il (14) xahar prigunerija effettiva.

Stante li din giet irtiratha mill-Prosekuzzjoni, il-Qorti astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet imputazzjoni.

Ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti kkundannat lill-hati ghall-hlas tal-ispejjez konnessi mal-hatra tal-esperti fl-istadju tal-process verbal tal-inkjesta ossia l-ispejjez konnessi mal-hatra tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut, ammontanti ghas-somma ta' mija, erbgha u tmenin Euro u tmienja u tletin centezmu (€184.38) u l-ispejjez konnessi mal-hatra ta' PC650 Justin Tabone, ammontanti ghas-somma ta' erbgha u erbghin Euro u tmienja u ghoxrin centezmu (€44.28). B'kollox tali spejjez jammontaw ghas-somma ta' mitejn, tmienja u ghoxrin Euro u sitta u sittin centezmu (€228.66)[1] u ghandhom jithallsu mill-hati fi zmien tmintax-il xahar mil-lum.

Ordnat d-distruzzjoni tad-droga u/jew l-affarijiet relatati mal-abbuz tad-droga, esebiti fl-atti, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi *process-verbal* li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Rat ir-rikors tal-appellant Andrew Bezzina minnu pprezentat fit-28 ta' Frar, 2017 fejn talab lil din il-Qorti tikkonferma s-sentenza moghtija mill-Ewwel Onorabbli Qorti ai finijiet ta' htija izda tvarjaha ai finijet ta' piena billi tinghata piena aktar xierqa ghac-cirkostanzi tal-kaz.

---

[1] Il-Qorti m'hijiex tikkundanna lill-hati ghall-hlas tal-ispejjez konnessi mar-relazzjoni tal-espert Dr. Mario Scerri stante illi din ma tincidi bl-ebda mod fuq il-htija tieghu.

Rat l-aggravju tal-appellant u cioe':-

> Illi dan I-appell qed isir unikament fuq il-piena inflitta billi ghalkemm l-Ewwel Onor. Qorti ghamlet analizi korretta u fit-tul, bir-rispett kollu, il-fatt illi l-esponenti kien qed ibghati mill-problema ta' abbuz kellha tinghata aktar piz milli fil-fatt inghatat.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet il-provi.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi l-aggravju ta'l-appellant huwa wiehed piuttost xott fejn jilmenta illi l-Ewwel Qorti meta giet ghal kalibrazzjoni tal-piena kellha taghti aktar kaz tal-problema tad-droga li huwa afflitt minnha. Appell fuq il-mertu ma hemmx u kwindi din il-Qorti mhijiex ser tinoltra ruhha f'ezami tal-fattispecje ta' dan il-kaz. Jinghad biss illi l-appellant mhux biss gie misjub hati ta' pussess ta' droga erojina gewwa l-Facilita Korrettiva ta' Kordin biex b'hekk allura l-piena erogata kellha tizdied fit-termini tal-artikolu 33A tal-Kodici Kriminali, izda l-Ewwel Qorti kellha titratta mal-appellant ghal ksur ta' Ordni ta' liberta kondizzjonata mahruga fit-termini ta'l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta fejn l-appellant hemmhekk kien gie misjub hati tar-reat ta' serq aggravat, bl-Ewwel Qorti tghaddi biex timponi l-piena fil-minimu assolut ta' erbatax-il xahar prigunerija u dan fit-termini imfassla fl-artikoli 278(3) u 280(2) tal-Kodici Kriminali.

Illi minn qari tas-sentenza appellata jirrizulta illi l-Ewwel Qorti mhux biss imxiet b'mod miti mal-appellant, izda ukoll wasslet biex tikkalibra l-piena taghha billi zammet quddiem ghajnejha l-problemi kollha li kien ghaddej minnhom l-appellant. Illi l-motivazzjonijiet maghmula mill-

Ewwel Qorti mhux biss dwar il-mertu, izda ukoll dwar il-piena l-aktar idonja li kellha tinghata huma dettaljati ferm li din il-Qorti minnufih tistqarr li tikkondividi pjenament.

Dan maghdud madanakollu, issa fi stadju ta' revizjoni, l-Qorti xortawahda hasset li kellha tilqa' t-talba tal-appellant sabiex jithejja *social enquiry report* mill-gdid u sabiex jinstema' rapprezentant tal-Facilita Korrettiva ta' Kordin bil-ghan li hija tinghata stampa aktar recenti dwar dak li kien qed jigri fil-hajja tieghu u dan sabiex tkun f'posizzjoni ahjar tqies jekk l-aggravju tal-appellant jisthoqqlux akkoljiment.

Minn dan jirrizulta illi l-appellant jinsab prezentement inkarcerat. Ghalkemm l-imgieba tieghu gewwa il-Facilita hija wahda tajba u jidher illi huwa mhuwiex fil-prezent qieghed jabbuza mid-droga, madanakollu l-Qoorti ma tistax twarrab minn quddiemha il-fatt illi r-reat li dwaru l-appellant gie misjub hati permezz tal-presenti istanza gie kommess proprju gewwa il-Facilita' ghalkemm lura fis-sena 2012. Mhux biss izda fir-rapport tal-Ufficjal tal-Probation saret s-segwenti rakkomandazzjoni:

> **"Huwa importanti li l-appellant jibqa' jzomm l-istabbilita' li rnexxielu jikseb matul l-inkarcerazzjoni tieghu u jkompli jircevi ghajnuna kemm tal-psikologa, kif ukoll fuq il-vizzju tad-droga."**

Din ir-rakkomandazzjoni taghti x'tifhem lil din il-Qorti illi huwa fl-interess tal-appellant illi ghal issa jibqa' jiznamm fl-istuttura u r-rutina li jinsab fiha u dan sabiex il-progress tieghu ikompli miexi. Dan ifisser illi l-Qorti ma ghandhiex is-serhan tal-mohh illi l-appellant huwa f'posizzjoni illi meta johrog minn dan l-ambjent fejn ghandu rutina u struttura huwa ma jergax imur lura ghat-triq tad-delinkwenza. Fuq kollox l-fedina penali tieghu titkellem wahedha. L-appellant inghata diversi opportunitajiet mill-qrati sabiex jirriforma ruhu u johrog mit-triq tal-kriminalita' izda kull ordni imposta fuqu fejn giet moghtija sentenza alternattiva ghal dik ta' prigunerija giet minnu miksura meta huwa rega' kkometta aktar reati. Mhux biss izda l-piena mposta fuq l-appellant mill-ewwel Qorti taqa' fil-parametri tal-ligi u tqarreb lejn il-minimu assolut, tant illi ma huwiex possibbli ghal Qorti illi taghti piena anqas ghax b'hekk tkun qed tinzel taht il-minimu preskritt fil-ligi.

Illi l-artikolu 142(1) tal-Criminal Justice Act 2003 fl-Ingilterra jistabbilixxi hames principji li ghandhom jigu segwiti fl-imposizzjoni tal-piena bhala:

> ***(a) the punishment of offenders (b) the reduction of crime (including its reduction by deterrence) (c) the reform and rehabilitation of offenders (d) the protection of the public (e) the making of reparation by offenders to persons affected by their offence***

Illi allura min hu imsejjah biex jiggudika ma ghandux ihares biss l-interessi tal-persuna kkundannata izda ghandu jara illi ihares l-interessi tal-vittma jew vittmi tar-reat u s-socjeta in generali billi jaghti dik il-piena li ghandha isservi bhala kastig ghal min jikkometti r-reat, li tara li twassal ghat-tnaqqis tal-kummissjoni ta’ reati ohra, li tista’ twassal ghar-rijabilitazzjoni u r-riforma tal-hati, li taghti il-harsien mehtiega lil pubbliku u li l-hati jaghmel reparazzjoni ghal hazin li jkun ghamel. Illi gie stabbilit b’mod kopjuz fil-gurisprudenza illi qorti ta’ revizjoni bhala regola ma tirrimpjazzax il-piena moghtija mill-Ewwel Qorti b’dik li kieku hija – cioe` din il-Qorti – kienet taghti f’dawk ic-cirkostanzi kemm-il darba ma jkunx jirrizulta li l-piena moghtija mill-ewwel Qorti kienet b’xi mod “*wrong in principle*” jew “*manifestly excessive*”. Issa huwa bil-wisq evidenti illi l-Ewwel Qorti, kif inghad, erogata piena miti hafna, u allura l-Qorti hija tal-fehma li l-piena kif mposta m’għandiex tiġi varjata.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata ikkonfermata fl-intier taghha.

Edwina Grima

Imhallef